# KIF TWIELDET DIN IR-RIVISTA

Ftit wara li l-Patri Lettur Nikol Magro laħaq Kummissarju tat-Terra Santa, darba waħda bagħat għalija; jiena mort il-Kummisserija u hemmekk fl-Uffiċju tiegħu, insib li kien hemm miġmugħa tliet Patrijiet (u hu erbgħa). Kien stedinhom, bħal ma stieden lili, biex ngħaqqdu naqra ta' kumitat, ħalli flimkien noħorġu Rivista, li hu ried li tissemma "Leħen l-Art Imqaddsa".

Ma niftakarx jekk ir-Rivista kelliex toħroġ kull xahar jew kull xahrejn jew kull tliet xhur. Naf biss li jien wegħedt lil Patri Nikol li kelli niktiblu artiklu għal kull ħarġa. Patri Gwidu Schembri, li ma kienx ilu wisq li raġa' Malta minn Gerusalem, qal li barra milli jikteb hu, kellu jitlob lil wieħed fizzjal Ingliż ħabib tiegħu, li jaf sewwa l-Palestina, li jiktiblu xi ħaġa wkoll għar-Rivista, u hu jaqlibha bil-Malti. Smajthom jgħidu wkoll li kellhom jitolbu lil Mons. Dun Karm Psaila biex jikteb xi poeżija għar-Rivista u jien għedtilhom li billi s-Sur Karmenu Vassallo kien ħabib tiegħi, kelli nitolbu jiktbilna xi ħaġa għar-Rivista huwa wkoll. Meta damu jitħaddtu ħafna, u għal dak il-ħin għamilna bħal naqra ta' pjan, żewġ Patrijiet (Patri Gwidu u Patri Alessju, jekk niftakar sewwa) ħarġu biex imorru fl-istamperijiet, biex jaraw kemm kienet sa tkun in-nefqa ta' kull ħarġa.

Imma sa hawnekk wasalna, għax wara deher li kull ma ngħażel donnu kien sar suf. Kull meta kont immur il-Belt u nsaqsi lil Patri Nikol meta sa tibda toħroġ ir-Rivista. dejjem kien jibda jlaqlaq u jiżloqli bil-kliem u qatt ma tani tweġiba sħiħa. Aktarx li kollox kien sa jibqa' għaddej mar-riħ.

Imma jien, għandi nkun, għandi fija xi seħer. Drabi nwaddab ħaġa kif ġie ġie u nolqot fejn għandi nolqot, bla ħsieb! Meta kont żgħir, darba, ġewwa għalqa Ta' Bordin, qrib Ħaż-Żebbuġ, waddabt ġebla u waqqajt għasfur tal-bejt mill-ajru. U darba oħra, kont żgħir ukoll, waddabt landa tas-sardin imgħattna għal ħuttafa hi u ttir, u waqqajtha wkoll! U darba, meta kbirt u kont naħdem l-Uffiċju tal-"Progress", għedt kelma lill-avukat John Bugeja (wara li kont ili nsus warajh ħafna u dejjem jiżloq,) u fuq dik il-kelma beda joħroġ "Il-Berqa" bl-Ortografija tal-"Għaqda". U hekk ukoll b'kelma megħuda kif ġie ġie, ilqatt lil Patri Nikol u ġiegħeltu jibda joħroġ ir-Rivista.

Mela, darba waħda kont il-Belt u għaddejt nara lil Patri Nikol, u bħal ma dari, saqsejtu meta sa tibda toħroġ ir-Rivista. Hu beda jlaqlaq, bħal ma dari wkoll, b'sebaħ u dalam u Ġwanni u Martin. Fl-aħħar għedtlu, bil-qajl, donni qiegħed inkellem lili n-nifsi: "Is-santa Marija! Li kont jien bħalek, mhux Rivista biss ħriġt, imma qlibt Malta ta' taħt fuq!"

Ftit jiem wara rġajt mort, u malli rani ħatafni. Qalli: "Ir-Rivista sa noħorġuha. Noħorġuha jien u int. Illesti li għandek tillesti!" "Hekk kif, f'daqqa waħda?" saqsejtu jien. Weġibni: "Qagħadt naħseb fil-għaxija fuq il-kelma li għedtli int u qtajt li noħorġuha!"

Ma nafx x'xahar kien, imma aktarx li kien Novembru. Jien għedtlu li noħorġu l-ewwel għadd għal bidu ta' Jannar. Ftehemna kull wieħed x'kellna niktbu; Patri Nikol bagħat iġib ftit ritratti minn Ġerusalem, biex nagħmluhom *blocks,* raddejna salib għal wiċċna u qbadna x-xogħol.

Il-Bambin mill-ewwel wera li r-Rivista riedha, għax ir-ritratti minn Ġe-

rusalem waslulna malajr, m'hux bħal ma dari, li kull ma tibgħat iġġib idum ma jasal ħafna xhur. Patri Nikol għażel xi ritratti u ħadhom il-Progress biex jagħmilhom *blocks*, u kif kienu lesti, morna bihom u bil-kitba li kellna l-"Empire Press". Kien xi nofs Diċembru 1954. Saqsejna lil Dun Bianco jekk kienx jista' jlaħħqilna l-ewwel għadd sal-bidu ta' Jannar. Qalilna li ma setax, billi dak iż-żmien kien żmien il-Milied, li fih ikunu maħnuqin bix-xogħol. Saqsejnieh jekk jilħaqx sal-15 tax-xahar, u qalilna iva. U ftehemna hekk, billi mill-ewwel salħmistax tax-xahar ma hemmx żmien wisq.

U hekk, ftit bis-saħħa tiegħi, u ħafna bis-saħħa ta' Patri Nikol, ħareġ tajjeb jew ħażin, bi 28 faċċata, l-ewwel għadd tar-Rivista.

* * *

Minn dak iż-żmien 'il hawn għaddew sentejn, u dan il-għadd huwa l-ewwel għadd tat-tielet sena. Jien mill-ewwel qalbi ħebritni li dir-Rivista kellha tmur tajjeb u trabbi l-egħruq. Imma għal dan, kont naħseb, li trid mill-anqas erba' snin, ħalli n-nies tilħaq tagħrafha. Iżda, ħaġa li għaġġbet lili wkoll, ir-Rivista qabdet sewwa, m'hux mar-raba' jew il-ħames sena, kif kont naħseb jien, imma mat-Tieni sena! Sas-sena li għaddiet, jiġifieri t-tieni sena, kellna mseħbin li jħallsu (għax hemm oħrajn li ma jħallsux, bħal kappellani, superjuri u benefatturi kbar tal-Qabar ta' Kristu) *ftit anqas minn disa' mija!*

Disa' mitt imsieħeb mat-tieni sena, m'hux ħażin. M'hux talli m'hux ħażin, talli jien naħseb li huwa *record*. Ma naħsibx li ġewwa Malta hawn, jew qatt kien hawn Rivista li jkollha disa' mitt imsieħeb *li jħallsu*. Ir-Rivisti li hawn Malta jimxu aktarx bis-sussidji bit-tisfiq tal-wiċċ u talb għal flus, u xi ftit bir-reklami. Tagħna m'hix hekk. Ħadd ma jissusidjaha. Lil ħadd ma titlob flus. Reklami fiha ma jidhrux.

Mela x'fiha din ir-Rivista aktar milli fihom l-oħrajn? Ma nafx sewwa, imma aktarx li fiha żewġ ħwejjeġ: li min jaħdem fiha, jaf xogħlu, u dan ix-xogħol jaħdmu bil-qalb. Jiġifieri fiha l-ħila u l-imħabba. Għal hekk li niktbu fiha jkun qasir u ċar, biex ma ndejjqu l-ħadd, u kollox minnu, biex il-qarrejja meta jitkellmu fuq li qraw, ikunu fuq is-sod. Minn 28 faċċata żednieha sa 32, u minn ħames stampi żednieha sa tnax, u l-ħlas tagħha ħallejnieh bħal ma kien qabel. Għax aħna il-għan tagħna ma huwiex il-flus. Il-għan tagħna huwa li l-qarrejja jagħrfu l-Art Imqaddsa tal-Palestina, fejn twieled, għex u miet għalina Sidna Ġesù Kristu u jagħarfu wkoll ix-xogħol li r-Rħieb Franġiskani jagħmlu hemm, għal qima u s-sebħ t'Alla u l-ġieħ u l-fejda tal-Knisja Kattolka.

ELSIE.

---

## DUWA TAL-FELLAHIN

### Biex tneħħi l-ħanqa

Jekk tieħu xi riħ u tinħanaq, biex imurlek, agħmel dan: ħu tliet irjus tewm, kissirhom ftit u qegħdhom f'borma nadifa. Ixħet magħhom ftit ilma u ftit xaħam tal-ħanżir u qegħdhom itektku fuq nar bagħti. Meta jsiru sew, għaddihom minn mesfa (passatur) u qabel ma torqod fil-għaxija, idlek saqajk bihom u kebbibhom f'xi ħaġa tas-suf. Sa fil-għodu r-riħ u l-ħanqa jkunu għaddewlek.